**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 22 – IT-TNEJN, 10 TA' AWWISSU 2020 FIL-5.30pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 21**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti. Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Tania Borg issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 20**

2.1 Dwar paragrafu 6.3, is-Sur Dominic Cassar talab biex it-terrapien li hemm fejn tal-Propostru jitneħħa malajr. Is-Sindku irrisponda li għandu jagħmel talba lil Cleansing Department biex dan jitnaddaf.

2.2 Dwar paragrafu 6.1, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici nforma lill-Kunsill li dik id-dar fejn kien hemm ħafna ħaxxix ħiereġ għal fuq il-bankina ser titwaqqa' u għalhekk dan il-ħaxix tneħħa.

**3 Pagamenti Numru 23**

3.1 Is Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-kunċert li qed jorganizza l-Kunsill tat-2 Unlimited. Kien hemm qbil li dan għandu jiġi postpost minħabba linji gwida kontra l-attivitajiet tal-massa. Ġie innutat li xi spejjeż diġà saru u mhumiex rifondibbli. Is-Sur Dominic Cassar esprima li kull spiża 'l fuq minn 5000 Euro għandha ssir sejħa pubblika. Kien hemm qbil fuq din. Hu lmenta li din l-attività kienet ser tqum ħafna flus. Is-Sur Joe Aquilina rrisponda li din l-attività ser tkun b'artisti barranin u famużi u għalhekk hemm bżonn li jinżammu standards għoljin. Is-Sindku rrisponda wkoll li hemm numru ta' sponsors u fondi oħra. Għandhom jiġu elenkati lista ta' spejjeż u lista ta' fondi għal din l-attività.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata l-Management letter. Għandha tiġi ppreparata risposta.

5.2 Ġie innutat appell bil-Qorti minn Owen Borg għat-tender tal-knis. Dan wara li l-Kunsill kien ingħata r-raġuni meta saru żewġ appelli mill-PCRB. Ġie deċiż li tintalab direzzjoni mid-DLG biex jitqabbad kuntrattur temporanju sakemm jinqata' dan l-appell peress li t-tender oriġinali diġà skadiet.

5.3 Għandu jsir rapport fuq il-proġetti li hemm pendenti mill-Kunsill.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar stima biex jiġu installati cameras u apparat neċessarju fil-Knisja biex ikun jista' jsir streaming tal-Quddiesa. Din l-istima kienet ta' 500 Euro + VAT. Kien hemm qbil unanimu li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni li fi Triq Wied Għollieqa ġew installati 4 sleeping policemen, meta l-Kunsill kien qabel li ma jiġux installati imkien. Is-Sur Trevor Fenech irrisponda li dawn ma ġewx installati mill-Kunsill imma minn TM minħabba n-numru ta' karozzi li qed jiffrekwentaw din it-triq minhabba l-lukanda li hemm u ghax qed ikun hemm vetturi jsuqu b'velocita eccessiva. Is-Sur Dominic Cassar kompla jsostni li hu ma jaqbilx magħhom.

6.1.1 Is-Sur Cassar ukoll tkellem fuq l-Crafts Club li jsir nhar ta' Tnejn u wera l-ħsieb tiegħu dwar is-social distancing. Il-Kunsill ġie nfurmat li ftit qed jattendu u qed iżommu d-distanza. Tkellem ukoll dwar il-pillbox fi Triq Willie Apap. Hu kien taħt l-impressjoni li din kella tiġi għand il-Kunsill. Il-Kunsill ġie mfakkar li din hija privata u din kienet ser tkun għand il-Kunsill kieku ġiet żarmata u nbniet post ieħor. Kien hemm qbil li ssir talba lil Lands Authority u / jew il-PA dwar din.

6.1.2 Is-Sur Cassar tkellem ukoll dwar siġra mejta fil-ġnien tal-Kappara, Is-Sindku rrisponda li għandu jitkompla t-tħawwil ta' siġar f'Ottubru u din tista' tiġi replaced. Tkellem ukoll dwar bankina fi Triq Salvu Busuttil, l-A/C tal-boardroom u z-zebra crossing ta' quddiem l-Ultimate fi Triq tal-Balal. Tkellem ukoll dwar ċertu korrispondenza li hu u David Dalli mhumiex qed jirċievu minħabba li m'għandomx email. Ġie deċiż li jinħoloq email account u jibdew jintbagħtu l-emails hemm.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici tkellem dwar bankina li ġiet modifikata fi Triq George Tayar biex takkomoda aċċess għal garage. Għandu jieħu ritratt ta' din il-bankina u tinbagħat lil CRPD għall-parir tagħhom.

6.3 Is-Sinjura Tania Borg talbet biex jinxtraw pjanti ta' San Ġwann fl-imgħoddi biex jintużaw fl-attività ta' Settembru. Kien hemm qbil unanimu

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.20pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |